# Postijiet għat-tfal fl-Ewwel Sena Kindergarten tal-Knisja

F'Novembru 2023 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2024-2025. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-ewwel sena kindergarten.

**Subien għal-Ewwel Sena Kindergarten**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten subien mainstream huwa ta' tlieta u tmenin (83) post u tlettax (13) -il post għal każijiet serji. Sabiex naċċetaw xi aħwa subien f'xi skejjel ta' St Francis żdiedu għaxar postijiet mainstream. Dawn l-għaxar postijiet tnaqsu: ħamsa bniet mainstream u ħamsa każijiet serji subien. Mela it-total ta' postijiet vakanti għas-subien fil-kindergartens kollha huwa ta' mija u wieħed (83+13+10-5=101).

Irċevejna tnax (12)-il applikazzjoni mainstream tal-impjegati u sitta u ħamsin (56) applikazzjoni mainstream tal-aħwa. Irċevejna wkoll żewġ (2) applikazzjonijiet tal-aħwa tas-subien bħala Każijiet Serji bis-sapport. Dawn iġibu total ta' sebgħin post (12+56+2=70).

**L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet**

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten bniet mainstream huwa ta' tlieta u tmenin (83) post u tlettax (13) -il post għal każijiet serji. Erbgħa postijiet tal-każijiet serji nbidlu f'postijiet mainstream sabiex jiġu aċċettati aħwa ta' tfal li jattendu xi skola ta' St Francis. Għalhekk it-total ta' postijiet għal każijiet serji niżel għal disgħa. Ħames postijiet mainstream fi skejjel ta' St Francis ingħataw lis-subien. Dawn iġibu total ta' wieħed u disgħin (83+4+9-5=91) post vakanti għal-bniet fil-kindergartens kollha.

Irċevejna seba' (7) applikazzjonijiet mainstream tal-impjegati u sebgħa u erbgħin (47) applikazzjoni tal-aħwa. Irċevejna ukoll applikazzjoni (1) tal-impjegati u applikazzjoni (1) tal-aħwa bniet bħala Każijiet Serji bis-sapport. Dawn iġibu total ta' sitta u ħamsin post (7+47+1+1=56).

**Postijiet Każijiet Soċjali għas-Subien u l-Bniet**

Skont ir-regolamenti hemm tlett (3) postijiet għal każijiet soċjali. Minn dawn bl-aġġustamenti li saru kif spjegat aktar il-quddiem inbidlu 2 każijiet soċjali għal mainstream. Għalhekk fadal post (1) wieħed li jista jintuża mill-bniet jew mis-subien.

Ser nilqgħu applikazzjonijiet tat-tielet kriterju. Jekk ikun hemm applikanti bniet u subien issir polza waħda u min jiġi l-ewwel jieħu l-post.

**Postijiet Każijiet tal-Ażil għas-Subien u l-Bniet**
Skont ir-regolamenti hemm erbgħa (4) postijiet għal tal-ażil. Minn dawn bl-aġġustamenti li saru kif spjegat aktar il-quddiem inbidlu tlett każijiet tal-ażil għal mainstream. B'hekk fadal post wieħed biss li jista jintuża mis-subien jew mill-bniet. L-applikazzjonijiet tal-ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

**Konklużjoni**

Se jintlaqgħu applikazzjonijiet: mainstream, bis-sapport, soċjali u tal-ażil.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul u jkollhom ħuthom li qed japplikaw għall-ewwel sena kindergarten. Jekk xi wħud minn dawn l-aħwa jirreġistraw fi skola, iż-żgħar jkunu jistgħu jinkitbu fl-iskola ta' ħuthom jekk ikun hemm post. Dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1). Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-paġna tal-iSkejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt fil-ġimgħat li ġejjin.

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2024**

**Segretarjat Edukazzjoni Nisranija**
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt